MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2051/2000/1

**A.L. ENTERPRISES LIMITED**

**vs**

**MIZZI LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi ġiet inkarigata mis-soċjeta' konvenuta sabiex teseġwixxi xogħlijiet fil-fond ossia ħwienet bl-ismijiet "Virgin" u "Delta", fi Triq ir-Repubblika, Valletta u dana skond kuntratt ta' appalt iffirmat bejn il-partijiet datat 15 ta' Lulju, 1999 u hawn esebit bħala Dok. "A";

Illi oltre x-xogħlijiet naxxenti mill-kuntratt ta' appalt, is-soċjeta' attriċi esegwiet xogħlijiet oħra u dana fuq inkarigu ta' l-istess soċjeta' konvenuta;

Illi s-soċjeta’ konvenuta ħallset lis-soċjeta’ attriċi akkont tal-prezz tax-xogħlijiet, iżda ma hemmx qbiel bejn il-kontendenti dwar il-kont finali għax-xogħlijiet kollha esegwiti mis-soċjeta’ attriċi;

Illi minkejja diversi interpellanzi għall-ħlas, is-soċjeta’ konvenuta xorta waħda baqgħet inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhex in vista tal-premess:

1. Tillikwida l-ammont li huwa dovut lis-soċjeta’ attriċi mis-soċjeta’ konvenuta in linea tax-xogħlijiet kollha esegwiti minnha kemm skond il-kuntratt ta’ appalt kif ukoll xogħlijiet oħra li ġiet inkarigata tesegwixxi mill-istess soċjeta’ konvenuta u dana okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

2. Tikkundnna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż u interessi legali, kontra s-soċjeta’ konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-3 ta’ Novembru, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ attriċi fl-ewwel lok peress illi la darba l-partijiet kienu ftehmu il-ħlas għax-xogħlijiet kellu jkun skond il-kont u ċ-Ċertifikat Finali tal-perit imsemmi fil-ftehim ta’ bejniethom (Dok. A), u dan l-istess perit effettivament ħareg dan il-kont (ara Dok. C) m’hemmx lok u hija inammissibbli u irritwali t-talba għal-likwidazzjoni mill-ġdid tal-valur tax-xogħlijiet kollha magħmula;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess, il-kont finali maħrug mill-perit Ivan Coleiro, il-perit maqbul mill-partijiet fil-ftehim ta' bejniethom, huwa ġust u m'hemmx lok li jiġi varjat;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2000, li bih ordnat lill-kumpannija attriċi tressaq nota li tfisser fejn ma kinitx qegħda taqbel mal-konteġġi magħmulin mill-kumpannija mħarrka;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi, fil-15 ta' Marzu, 2001[1], flimkien mal-prospett mehmuż magħha;

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tas-26 ta' Ġunju, 2001[2];

Rat id-Degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2001[3], li bih hija ħatret lill-Assitent Ġudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauċi biex tisma' xhud dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda l-provi dokumentali dwarhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-25 t'April, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tal-20 ta' Marzu, 2003, u tat-3 ta' Lulju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

---

[1] Paġġ. 58 sa 65 tal-proċess
[2] Paġġ. 67-9 tal-proċess
[3] Paġ. 72 tal-proċess

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' bilanċ ta' xogħlijiet magħmula f'appalt li dwarhom ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet. Il-kumpannija attriċi tgħid li waqt li kienet qegħda twettaq appalt mogħti lilha mill-kumpannija mħarrka, tqabbdet tagħmel xogħlijiet oħrajn u dwar il-ħlas ta' dawn inqalgħet kwestjoni għaliex ma taqbilx mal-mod kif dawn ix-xogħlijiet tqiesu u ġew valutati mill-perit tal-kumpannija mħarrka;

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qegħda tgħid li t-talba attriċi ma tiswiex għaliex ladarba l-ftehim tal-appalt kien rabat lill-partijiet li joqogħdu għaċ-ċertifikat maħruġ mill-perit imqabbad mill-partijiet, mhux imħolli li xi parti tmur lura mir-rabta tagħha;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk l-azzjoni attriċi tiswiex;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fil-15 ta' Lulju, 1999[4], il-kumpannija mħarrka ħatret lill-kumpannija attriċi biex twettaq appalt ta' tindif u taħmil, tqegħid ta' katusi u xogħol ta' konkos fi proprjeta' kummerċjali tal-kumpannija mħarrka fi Triq ir-Repubblika, Valletta, u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Fil-5 ta' Jannar, 2000[5], *quantity surveyor* imqabbad mill-kumpannija attriċi ħareġ ċertifikat dwar ix-xogħlijiet li hija kienet wettqet fl-appalt. F'April, 2000[6], il-Perit inkarigat mill-proġett ħareġ ċertifikat finali tax-xogħlijiet imwettqa. Bejn ċertifikat u ieħor irriżultat differenza ta' 'l fuq minn għaxart elef lira Maltija. Fid-29 ta' Settembru, 2000, infetħet il-kawża;

Illi <u>l-konsiderazzjonijiet legali li jeħtieġ li jsiru dwar l-eċċezzjoni taħt eżami</u> għandhom jintrabtu biss mal-aspetti formali tal-azzjoni kif mibdija. L-eċċezzjoni titkellem dwar irritwalita' u inammissibilita' flimkien. M'hemm l-ebda dubju li ż-żewġ termini għandhom tifsira għalihom:

---

[4] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 29 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġġ. 30-5 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġġ. 36 sa 45 tal-proċess

azzjoni tista' tkun inammissibbli għalkemm ritwali. Huwa minnu li dawn iż-żewġ kunċetti ġieli jintużaw kull waħda bil-fehma tal-oħra u li l-linja bejn waħda u oħra m'hijiex konsistentement ċara, imma din il-Qorti ssib li dan m'huwiex sewwa. L-aspett tar-ritwalita' ta' azzjoni huwa marbut mal-forma tal-att li bih titressaq[7]; filwaqt li l-ammissibilita' tagħha hija marbuta mal-mertu jew sustanza tal-azzjoni, ukoll jekk tali inammissibilita' tkun waħda proċedurali u l-att li biha tkun inbdiet ikun għal kollox regolari[8];

Illi din is-sentenza hija limitata għall-kwestjoni ta' jekk l-azzjoni tiswiex mill-aspett formali jew ritwali. Ir-raġuni mogħtija mill-kumpannija mħarrka dwar dan hija li ladarba l-partijiet kienu ftehmu li ċ-ċertifikat tal-Perit tal-proġett kien jorbot, m'huwiex miftuħ lil xi parti li ma toqgħodx għalih billi tiftaħ kawża u titlob likwidazzjoni oħra. Fi kliem ieħor, il-Qorti trid tqis jekk azzjoni magħmula, minkejja patt bħal dak, hijiex waħda difettuża fil-forma u għalhekk ma tiswiex;

Illi biex tasal għad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti ma tantx issib għajnuna mis-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet u wisq anqas mill-provi li nstemgħu sa dan l-istadju. Fil-fehma tal-Qorti, l-partijiet iddedikaw iżjed ħin biex jidħlu fil-mertu tan-nuqqas ta' qbil bejniethom milli biex jgħinu għas-soluzzjoni tad-diffikulta' proċedurali li fuqha l-eċċezzjoni hija mibnija;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li m'hemm xejn irritwali fl-azzjoni tal-kumpannija attriċi, u dan mingħajr ma tkun qegħda tagħmel ġudizzju dwar it-talba fil-mertu. Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda nuqqas fil-forma tal-Att taċ-Ċitazzjoni li dwaru l-artikolu 789 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jistabilixxi n-nullita'. Fit-tieni lok, mill-kopja tal-kuntratt tal-appalt li tinsab fl-atti tal-kawża, ma tidher l-ebda klawsola li torbot lill-partijiet li jridu joqogħdu tabilfors għall-konteġġ tal-Perit tal-proġett.

[7] Ara, per eżempju, P.A. **17.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro vs Ellul et noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1268**) u App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Navarro*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.250**)

[8] Ara, per eżempju, App. Inf. **29.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Spiteri Debono et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.158**)

Fit-tielet lok, ma jistax ikun li x-xogħlijiet kollha li saru fit-twettiq tal-appalt setgħu kienu kollha maħsuba u inkorporati minn qabel fl-istess kuntratt[9], b'mod li ma jistax ikun li kien hemm maħsub diġa' qbil dwar ir-rati applikabbli għax-xogħlijiet żejda li l-kuntratt jgħid li setgħu jintalbu mill-appaltant. Fl-aħħarnett lanqas kien hemm fil-ftehim klawsola li tgħid x'kellu jsir proċeduralment jekk kemm-il darba tinqala' kwestjoni marbuta mal-istess ftehim;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka kwantu tirreferi għall-irritwalita' tal-azzjoni attriċi u tiddikjara, minflok, li l-azzjoni attriċi kif imressqa tiswa; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu.

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni jibqgħu biex jiġu determinati mal-għoti tas-sentenza finali.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Ara x-xhieda ta' Jonathan Shaw fil-kontro-eżami tal-4.1.2002, f'paġ. 79 tal-proċess, u d-Dok "IG", f'paġ. 83 tal-proċess